

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u likwidazzjoni tad-drittijiet individwali” tal-Kummissjoni Ewropea li ma tagħtix lir-rikorrent la l-allowance għat-tfal dipendenti u lanqas l-allowance għall-edukazzjoni.

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara dan ir-rikors bħala ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni meħuda fit-22 ta' Jannar 2009 mill-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad it-talba tar-rikorrent u, sa fejn huwa meħtieġ, id-deċiżjoni meħuda fid-29 ta' Mejju 2009 mill-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad l-ilment tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2009 — Gowitzke vs Europol

(Kawża F-74/09)

(2009/C 267/154)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Werner Siegfried Gowitzke (l-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: D.C. Coppens, avukat)

Konvenut: Europol

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Europol tal-5 ta' Ġunju 2009 li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex tiġi emendata l-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad 5, skala 1.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Europol li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex tiġi emendata l-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad 5, skala 1;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2009 — Wenig vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-75/09)

(2009/C 267/155)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Fritz Harald Wenig (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: Georges-Albert Dal u Dominique Voillemot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita li ċaħdet it-talba tar-rikorrent tat-23 ta' Settembru 2008 għal għajuna mill-Kummissjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni Ewropea tal-14 ta' Novembru 2008.

Talbiet tar-rikorrent

- Tannulla d-deċiżjoni impliċita li ċaħdet it-talba għal għajuna tar-rikorrent tat-23 ta' Settembru 2008 bil-għan li l-Kummissjoni Ewropea tassistih fil-kuntest tal-ksur tad-drittijiet tiegħu li huwa sofra minħabba l-pubblikazzjoni ta' artiklu offensiv u malafamatorju ppublikat fis-7 ta' Settembru 2008 fuq is-sit internet tal-gazzetta Inġliża Sunday Times u l-aġir illegali tal-awturi tiegħu;
- Jekk tkun ikkunsidrata bħala deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tat-talba għal għajuna mressqa mir-rikorrent, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2008 sa fejn din tiċħad it-talba għal għajuna tar-rikorrent fil-kuntest tal-organizzazzjoni tal-“Worst Conflicts of Interest Award” li tefgħet dell ikrah fuqu u li attakat l-integrità tiegħu u l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu;
- Tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni morali u finanzjarji tiegħu;
- Tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Settembru 2009 — Perez Santander vs Il-Kunsill

(Kawża F-32/05) ⁽¹⁾

(2009/C 267/156)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 193, 6.5.2008, p. 32. (kawża inizjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-201/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea permezz ta' digriet tal-15.12.2005)